Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 157/2014

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Emil Pavlov

Illum 16 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emil Pavlov, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 64065A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-28 ta' Settembru, 2013 ghall-habta tad-21:00hrs fi Triq G. Borg Olivier, San Giljan:

1. Waqt li kien qed isuq vettura Nru. DGV-047 u kien riesaq lejn 'pedestrian crossing' naqas li jnaqqas il-velocita' u jieqaf meta kienet qed tigi wzata mill-pubbliku.
2. Waqt li kien qed isuq vettura DGV-047 kien qed izomm jew juza b'idejh telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja.
3. Waqt is-sewqan, naqas li jkollu kontroll tal-vettura Nru. DGV-047.

4. Kif ukoll saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-imsemmija vettura Nru. DGV-047 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
5. W' aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontrol tal-imsemmija vettura Nru. DGV-047 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni teighu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-8 ta' April, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65, MVR. 68, 89, 115(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; illiberatu mill-ewwel (1) akkuza, sabithu hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza u kkundannatu multa ta' €1,400 u issospendietlu l-licnezja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appell Emil Pavlov, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-15 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi:

(1) Tikkonfermaha in kwantu lliberatu mill-ewwel imputazzjoni;
(2) Tikkonfermaha in kwantu sabithu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet;
(3) Thassarha u tirrevokaha in kwantu sabithu hati tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena abbinati mal-istess;
(4) In subordine, fl-eventwalita' li ma tilqax it-tielet talba, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordant is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Emil Pavlov esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-eccezzjoni ta' ne bis in idem li giet sollevata mill-appellant quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi fil-kaz in ezami ir-raba' akkuza kienet digà giet deciza fi proceduri decizi fit-8 ta' April 2014 fi-ismijiet Il-Pulizija vs Emil Pavlov, u 1-appellant kien hemmhekk gie liberat minn tali imputazzjoni (vide 1-anness Dok A).

Illi l-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tichad tali eccezzjoni kien illi "l-akkuzi sehhew f'postijiet dfferenti u hinijiet differenti minn dawk li din il-Qorti gia semghet u lliberatu fejn jirrigwardja s-sewqan u ghalhekk it-talba hija michuda."

Illi fi-umli opinjoni tal-appellant, meta wiehed jifli bir-reqqa d-dettalji tal-kaizijiet in ezami, wiehed jasal sabiex jikkonkludi li l-principju ta' ne bis in idem ghandu japplika.

Illi fil-kaz tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fi-ismijiet Franz Fischer v. Austria (29 ta' Marzu 2001), il-Qorti qalet is-segwenti:

The Court, like the Austrian Constitutional Court, notes that there are cases where one act, at first sight, appears to constitute more than one offence, whereas a closer examination shows that only one offence should be prosecuted because it encompasses all the wrongs contained in the others (see paragraph 14 above). An obvious example would be an act which constitutes two offences, one of which contains precisely the same elements as the other plus an additional one. There may be other cases where the offences only slightly overlap. Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of

the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements.

Illi fil-kaz in ezami, wiehed josserva li fi proceduri li kienu ghaddew in gudikat, l-appellant kien gie liberat dwar l-istess imputazzjoni li allegatament kienet sehhet fit-28 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 22:00 Hrs f'Triq M. A. Vassalli, San Giljan. Fi1-kaz in eami l-imputazzjoni hija riferibbli ghal incident li allegatament sehh fit-28 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 21:00 Hrs f'Triq G. Borg Olivier, San Giljan.

Illi f'dan l-istadju, jigi rilevat illi l-fatt illi l-imputazzjonijiet jitkellmu dwar "ghall-habta" tad-21:00 jew tal-22:00, meta wiehed qed jitkellem biss fuq temp ta' siegha, qed ikun hemm dubju serju dwar kemm imputazzjonijiet tassew sehhew f'hinijiet separati.

Illi inoltre, dan id-dubju jkompli jissahhah bil-fatt illi fl-affidavits li gew pprezentanti fil-proceduri li ghaddew in gudikat, filwaqt li PS 1139 jitkellem dwar id-21:00, PS 587 jitkellem dwar 1-22:00.

Illi in vista ta' dan, l-appellant huwa tal-umli opinjoni illi l-eccezzjoni ta' ne bis in idem ghandha tigi milqugha.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant idur mal-fatt illi skont 1-Artikolu 15D (b) jehtieg illi qabel ma persuna jsirilha t-test hija tkun "giet avzat li n-nuqqas jew ir-rifiut li taghmel dak mehtieg kien reat". Din it-twissija hija mehfiega ad validitatem mill-1igi taghna.

Illi fl-affidavits li gew ipprzentati mill-prosekuzzjoni jidher illi z-zewg Pulizija in kwistjoni taw it-twissija lill-appellant. Madanakollu, ma jidhirx illi l-appellant gie mitkellem bil-Bulgaru, li hi l-unika lingwa li huwa jitkellem! Tant hu hekk, illi fil-proceduri odjerni kellu jinhatar interpretu sabiex ikun jista' jittraduci dak li jkun qed jigri lill-appellant, stante li hu la jitkellem Malti u lanqas Ingliz.

Illi tenut kont ta' dan, la darba l-appellant gie mitkellem b'lingwa li ma jifhimx, kif jista' allura jigi meqjus illi l-appellant inghata d-debita twissija skont il-Ligi fil-mument tal-arrest tieghu?

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi hemm diskrepanza bejn il-livell t'alkohol fin-nifs illi l-pulizija li ghamlu l-affidavit jindikaw fl-affidavits rispettivi taghhom - filwaqt li PS1139 jaghmel riferenza ghal 90mg/l00ml, PS 587 jaghmel riferenza ghall-livell ta' 92ug/lOOmg. Mhux biss il-valur li inghataw ma jaqblux bejniethom, izda dawn il-valuri huma ghal kollox zvijjati minn dak li tirrikjedi l-1igi, illi fl-artikolu 151 tal-Kap 65 tindika illi "il-limitu preskritt", fejn jidhol in-nifs, ghandu jinghata f'termini ta' mikrogrammi ta' alkohol f'millilitri ta' nifs. Wiehed jinnota illi PS 1139 jithadded dwar milligrammi ta' alkohol f'millilitri ta' nifs. waqt illi PS 587 jitkellem dwar mikrogrammi ta' alkohol f' mikrogrammi ta' nifs - l-ebda wiehed mimi dawn ix-xhieda ma uza l-kejl necessarju sabiex jigi stabbilit il-proporzjon li trid il-Ligi.

Illi minn dan jidher illi l-valuri riportati fl-affidavits tal-Pulizija li taw ix-xiedha taghhom f'dawn il-proceduri la jistghu jitqabblu bejniethom - stante li wara kollox, lanqas il-figuri numerici ma jaqblu — u wisq anqas ma' dak li trid il-ligi stante illi l-units li jidhattdu dwarhom ma jaqblux ma' dawk li titlob il-Ligi.

Illi r-raba' aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt illi huwa principju bazilari tal-ligi taghna illi kwalsiasi dokument li jigi pprezentat bhala prova matul proceduri ta' natura kriminali, jehtieg illi jigi kkonfermat bi1-gurament mill-persuna li tkun responsabbli ghall-istess dokument. Fil-kaz in ezami, il-persuna li kkonduciet it-test tan-nifs ma kkonfermatx l-allegat rizultat bil-gurament. Filwaqt li ssir riferenza ghal dak spjegat izjed 'il fuq, fi kwalsiasi kaa, il-valuri li inghataw minn P.S. 1139 li allegatament ikkonduca t-test tan-nifs in kwistjoni bl-ebda mod ma jistghu jigu kkunsidrati li jaqblu mar-riuzultat li gie pprezentat fil-kawza odjerna, u dan peress illi filwaqt li t-test jindika 92ug/l00ml, skont P.S. 1139 ir-rizu1tat kien ta'

90mg/l00ml — fi-umli fehma tal-appellant, dan ma jistax jammonta ghal konferma f'ghajnejn il-ligi.

Illi dan id-dubju hu kkonfermat inoltre, mill-indirizz li fuqu giet mahruga c-citazzjoni in kwistjoni; 1-indirizz tal-appellant gie indikat bhala l-Gzira, madanakollu, fl-affidavits tal-Pulizija, jidher illi dawn ikkonfermaw illi l-persuna li kellhom quddiemhom kien jirrisjedi gewwa l-Imsida.

Illi minghajr preudizzju ghas-suespost, il-hames aggravju tal-appellant jirrigwarda dak li jistipula l-Artikolu 8 ta1-Avviz Legali 191 tal-2002 kif emendat (SL 65.18) u cioè illi "Id-disposizzjonijiet nazzjonali dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew il-kancellament ta' licenza tas-sewqan ghandhom japplikaw ghal dawk li ghandhom licenza tas-sewqan mahruga fi Stat Membru iehor li jkollhom ir-residenza normali taghhom f'Malta." (enfasi mizjud)

Illi l-istess ligi tghid illi residenza "tfisser il-post fejn persuna abitwalment tghix, ghal ghall-inqas 185- il gurnata matul kull sena kalendarja . ."

Illi dan ir-rekwizit zgur ma jistax jinghad illi gie ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u ghalhekk, jezisti dubju serjissimu dwar kemm l-imputat jikkwalifika bhala persuna li ghandha r-residenza normali taghha f'Malta kif irid l-imsemmi Artikolu 8.

Illi inoltre, jekk wiehed jara l-Avviz Legali 191/2007, wiehed jara illi skont l-Artikolu 7 tal-istess Avviz Legali cittadini tal-Unjoni Ewropea ma jkunux jehtiegu certifikat ta' registrazzjoni jew karta ta' resdienza qabel ma jiskadu 3 xhur mill-wasla taghhom f'Malta, b'dan illi madanakollu, meta jiskadi t-terminu ta' 3 xhur huma jkollhom japplikaw ghand id-Direttur responsabbli mic-Cittadinanza ghal certifikat ta' registrazzjoni li ghandu jinhareg minnufih.

Illi l-prosekuzzjoni faclment setghet ittella' lid-Direttur in kwistjoni sabiex jixhed dwar dan, sabiex b'hekk jigi stabbilit, ghallinqas, illi l-appellant ilu f'Malta iktar

minn 3 xhur, u skont id-data, jkun jista' jigi stabbilit ukoll jekk ilux 185-il gurnata f'Malta. Dan ma sarx, u ghalhekk prova sabiex jigi determinat illi l-appellant jirrisjedi regolarment f'dawn il-gejjer ma ingibitx.

Illi ghalhekk, il-licenzja tal-appellant qatt ma setghet tigi sospiza kemm-il darba ma giex ippruvat dan ir-rekwizit, u kwindi, is-sospensjoni m'ghandux ikollha effett.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel gravam sottoposta ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa imsejjes fuq id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-appellanti ta' *ne bis in idem* u dan biss fejn din toloqt ir-raba akkuza imressqa kontra l-appellanti billi jikkontendi illi huwa kien diga gie illiberat minn din l-akkuza b'sentenza ohra ta'l-Ewwel Qorti li inghatat ftit tal-hin qabel fl-istess jum.

Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioe' fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-principju jinsab imhaddan ukoll fl-artikolu 50 tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union, (12 December 2007 (OJ 14.12.2007, C 303/1), li jaqra hekk:

"No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings for an offence for which he or she has already been finally acquitted or convicted within the Union in accordance with the law."

Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 the Convention for the Implementation of the Schengen Agreement") jistipula:

"A person whose trial has been finally disposed of in one Contracting Party may not be prosecuted in another Contracting Party for the same acts provided that, if a penalty has been imposed, it has been enforced, is actually in the process of being enforced or can no longer be enforced under the laws of the sentencing Contracting Party."

Dan il-principju ihares id-dritt fondamentali tal-bniedem milli jigi sottopost ghal process gudizzjarju iktar minn darba ghall-istess reat. Madanakollu hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

"***Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra***."

Dana jippostula zewg elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jigi illiberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat.

"it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem,* huwa dak citat fil-kawza "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea**" [15.6.1918] u cioe' fejn intqal li :

"*un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***[1]

Illi ghalkemm f'dina is-sentenza l-eccezzjoni giet michuda, madanakollu l-akkuzat f'dik il-kawza sussegwentment ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn hemm il-Qorti iddecidiet illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien gie precedentement akkuzat u illiberat mill-qorti. Illi s-sentenza

[1] Qorti ta'l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Nicolai Magrin

taghmel esposizzjoni tajba ta' dana il-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali.[2]

"... Il-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor **dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process**. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."

Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding ghar-rigward tat-thaddim tar-regola *ne bis in idem*: *"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

Illi ghalhekk kif gie sottolinjat iktar 'il fuq fis-sentenza citata l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inhelset mill-akkuza u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment.

Illi imbaghad l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, li jifforma parti mil-ligi ta' Malta, jipprovdi li hadd ma jista' jigi pprocessat jew ikkastigat ghal darba ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun

[2] Ara sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin deciza is-26 ta' Marzu 2009.

gie ipprocessat (kemm jekk ikun inheles kif ukoll jekk ikun instab hati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jaghmel eccezzjoni fil-kaz li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, kaz jista' jerga' jinfetah jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu ghadhom kif irrizultaw, jew jekk fl-ewwel procediment ikun sehh xi "vizzju fondamentali", li f'kull kaz minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-kaz.

Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

"*takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*"

Illi il-gurisprudenza identifikat dawn l-elementi biex jista' jinghad li tali jedd ikun inkiser: (i) tehid ta' proceduri jew l-ghoti ta' piena mill-gdid; (ii) fi procediment

kriminali; (iii) ghal reat li dwaru tkun diga' nghatat decizjoni finali; (iv) fl-istess gurisdizzjoni; u (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiz. L-ghan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa ghalhekk dak li jzomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proceduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'decizjoni finali.[3]

Din il-Qorti tosserva dak li sahhqet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi:

*" the Court reiterates that Article 4 of Protocol No. 7 is not confined to the right not to be punished twice but extends to the right not to be prosecuted or tried twice (see Franz Fischer, cited above, § 29). Were this not the case, it would not have been necessary to add the word "punished" to the word "tried" since this would be mere duplication. Article 4 of Protocol No. 7 applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. The Court reiterates that Article 4 of Protocol No. 7 contains three distinct guarantees and provides that no one shall be (i) liable to be tried, (ii) tried or (iii) punished for the same offence (see Nikitin, cited above, § 36) – Sergey Zolotukhin vs Russia (application no.14939/03 10/02/2009).*

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali u gurisprudenzjali dwar il-ligijiet kollha fis-sehh fil-qafas legislattiv ta' pajjizna, jidher mill-atti processwali illi dak li huwa migjub ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa biss parti mid-decizjoni impunjata u dan fejn l-appellanti gie misjub hati tar-reat ta' sewqan fi stat ta' sokor billi jikkontendi illi din l-akkuza kienet diga ghaddiet in gudikat mill-istess Qorti fl-istess jum, bil liberatorja tieghu minn din l-imputazzjoni.

Issa il-fatti li isawwru dina l-akkuza fil-kaz in dizamina allegatament sehhew fil-jum tat-28 ta' Settembru 2013 ghal habta ta' 21:00hrs fi Triq G. Borg Olivier, San Giljan. L-akkuza li minnha l-appellanti gie illiberat kienet tirreferi ghall-istess jum u cioe' it-28 ta' Settembru 2013 ghal habta ta'l-22:00hrs fi Triq M.A. Vassalli, San Giljan. Dan ifisser allura illi l-fatt li jikkostitwixxi ir-reat fl-ewwel akkuza, u cioe' f'din il-kawza, sehh f'hin u f'post differenti minn dak tal-akkuza l-ohra fejn huwa gie illiberat.

[3] Il-Pulizija vs John Micallef – Prim'Awla kost. 28/02/2007

Jidher illi fil-jum indikat fiz-zewg akkuzi l-appellanti kien gie mwaqqaf mill-pulizija minhabba li kien qed isuq il-vettura tieghu meta huwa kien allegatament fi stat ta' intossikazzjoni. Il-Pulizija ghamlu l-investigazzjoni taghhom u irrilaxxjaw lill-appellanti bl-ordni illi huwa ma ikompliex isuq fl-istat li kien jinsab fih. Gara izda illi l-appellanti injora dina l-ordni u xortawahda saq il-vettura tieghu fl-istat li kien fih bil-konsegwenza li aktar tard rega' gie imwaqqaf f'post iehor. Dan ifisser allura illi ghalkemm z-zewg akkuzi jirreferu ghall-istess jum meta l-appellanti kien allegatament intossikat, madanakollu dawn jirreferu ghal zewg incidenti separati u distinti minn xulxin ghaliex sehhew f'cirkostanzi differenti, f'postijiet u hin differenti. Il-fatt illi l-appellanti gie illiberat minn l-akkuza mertu ta' din l-eccezzjoni fl-incident fejn huwa gie imwaqqaf gewwa Triq M.A. Vassalli, ma ifissirx necessarjament illi dawn l-istess fatti kienu ezistenti meta kien gie imwaqqaf iktar kmieni gewwa San Giljan, fi Triq Borg Olivier u dan ghaliex f'dan l-ahhar kaz kien sarlu it-test tal-*breathlyzer* li irrizulta fil-pozittiv. Illi ghalhekk il-kaz ta' *Fischer vs Austria*[4] iccitat mill-appellanti fir-rikors tieghu ta'l-appell ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina billi f'dak il-kaz l-hati kien gie akkuzat bl-istess fatti li kienu jikkostitwixxu ir-reat ta' sewqan taht l-influwenza ta'l-akohol f'zewg proceduri separati – dawk amministrattivi u dawk penali. Hawnhekk ma jistax jinghad illi l-*idem* hija l-istess bhal f'dak il-kaz ghaliex il-fatti jirreferu kjarament ghal zewg incidenti ghal kollox differenti, kif inghad, ghalkemm sehhew biss ftit sighat 'il boghod minn xulxin. Ghaldaqstant dan l-aggravvju qed jigi michud.

L-appellanti jilmenta ukoll mill-inammissibilita' tal-prova tat-test tan-nifs li saret mill-prosekuzzjoni u dan meta l-appellanti ma inghatax it-twissija li titkellem dwarha l-artikolu 15D(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta b'lingwa li huwa seta' jifhem. Issa meta il-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Issa l-artikolu 15D jiddisponi illi:

"Uffiċjal tal-Pulizija jista' jgħaddi biex jarresta persuna jekk -

[4] 37950/97 deciza 29/05/2001

(a) bħala rizultat ta' test tan-nifs l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alcohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt; jew

(b) dik il-persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15Ċ sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat.

Illi din id-disposizzjoni tal-ligi titkellem dwar il-jedd ta'l-ufficjal tal-pulizija li jipprocedi ghall-arrest tal-persuna suspettata fil-kaz illi dik il-persuna tirrifjuta li toqghod ghat-test tan-nifs u dan ghaliex tali rifjut jikkostitwixxi reat skont id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 15C.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta illi l-appellanti accetta li jaghti l-kampjun kif mitlub u kwindi fl-ebda mument ma skatta l-bzonn li huwa jinghata t-twissija li seta' kien prosegwibbli ghal kummissjoni ta' xi reat minhabba r-rifjut tieghu. Oltre dan l-appellanti jilmenta illi huwa jifhem biss bil-limgwa Bulgara u allura ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija hija wahda inverosimili meta jikkontendu illi l-appellanti gie moghti it-twissija, twissija li hu ma setax jifhem. Issa bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta'l-appellanti kien jispetta lid-difiza tressaq provi in sostenn ta' dak minnha allegat u dan fuq bazi tal-probabbli, haga li naqqset milli taghmel. Ma tirrizulta l-ebda prova in atti li tista' taghti serhan lit-tezi prospettata mid-difiza mhux biss ghaliex l-appellanti jonqos milli iressaq il-prova illi huwa ma jifhimx la bil-lingwa maltija u lanqas bl-ingliz, izda ukoll jonqos milli ixejjen dak dikjarat mill-ufficcjali tal-pulizija, li ressqu x-xhieda taghhom permezz tal-procedura ta'l-affidavit, meta dawn l-anqas jigu ikkontro-ezaminati fuq dan il-fatt. Mhux biss izda mill-istess affidavits jidher illi kien hemm komunikazzjoni tajba bejn l-appellanti u l-pulizija tant illi meta l-pulizija insistew mieghu sabiex jikkuntattjaw lil sid il-vettura misjuqa minnu, l-appellanti talabhom biex ma jaghmlux dan billi s-sid kien il-principal tieghu u beza' li dan ta'l-ahhar ikeccieh mill-post tax-xoghol. Di piu' fl-affidavit tieghu, PS587 Joseph Mallia jirrimarka illi l-appellanti kellmu "in good plain English". Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi fit-tielet aggravvju minnu prospettat, l-appellanti isostni illi hemm kunflitt fil-provi fir-rigward tar-rizultat tat-test tan-nifs maghmul fuqu oltre il-fatt ukoll illi l-ufficjal tal-pulizija li ghamel dan it-test naqas milli jipprezentah hu stess u jikkonfermah bil-gurament. Illi ma jidhirx illi l-appellanti ikkontestat r-rizultanzi tat-test tan-nifs quddiem l-Ewwel Qorti kif lanqas ma jirrizulta illi huwa oggezzjoni ghall-ammissibilita tieghu' bhala prova billi ma giex ipprezentat mill-ufficjal tal-pulizija li ghamlu u ikkonfermat bil-gurament minnu.

Illi din il-Qorti tishaq minghajr tlaqliq illi anke dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment. Jidher car u tond illi hemm zball dattillografiku dwar il-kejl li tnizzel tar-rizultat tat-test tan-nifs li huwa ta' 92ug/100ml u dan biss fl-affidavit ta' PS1139. Dan it-test gie ikkonfermat bil-gurament fl-affidavit ta' PS587 Joseph Mallia liema test ghalkemm sar fizikament minn PS1139, madanakollu dan l-ufficjal tal-pulizija kien prezenti mieghu. Gara izda illi fl-affidavit tieghu PS1139 ighid illi r-rizultat tat-test kien ta' 90mg/100ml. Illi r-rizultat tat-test tan-nifs esebiet a fol.6 tal-process jindika l-partikolaritajiet kollha ta'l-appellanti inkluz allura d-data tat-twelid tieghu, kif ukoll in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li jaqqblu ma' dawk indikati fl-akkuza li ma ihallu l-ebda dubbju allura dwar l-awtenticita ta' tali rapport. Illi anke il-fatt illi fl-affidavit l-pulizija jindikaw indirizz iehor fejn l-appellanti jirrisjedi u mhux dak indikat fl-akkuza ma ixejjinx l-identita tal-persuna tieghu billi in-numru tal-karta ta'l-identita hija l-istess u cioe' 64065A li allura ma ihalli l-ebda dubbju f'ghajnejn il-Qorti li l-persuna li gie imwaqqaf dak in-nhar ta'l-incident u li fuqu sarlu it-test tan-nifs ma hu hadd hlief l-appellanti. It-tielet u ir-raba aggravvji ghalhekk qed jigu michuda ukoll.

Il-hames aggravvju jolqot il-piena u cioe' fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellanti u dan ghal perijodu ta' sitt xhur. Dan ghaliex fil-fehma tieghu ma hemmx prova in atti illi l-licenzja li jippossjedi l-appellanti hija mahruga fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja u li hu ghandu ir-residenza normal tieghu f'Malta u dan kif jistipula r-regolament 8 tal-Legislazzjoni sussidjarja 65.18.

Illi abbinat ma' dina id-disposizzjoni tal-ligi skont ir-regolament 7 tal-Avviz legali 191/2007 cittadin tal-Unjoni Ewropeja ma ikunx jehtieg certifikat ta' registrazzjoni jew karta ta' residenza qabel ma jiskadu 3 xhur mill-wasla tieghu gewwa Malta u dan il-fatt lanqas ma gie ippruvat mill-prosekuzzjoni. Kwindi, fil-fehma tal-appellanti tonqos il-prova illi huwa jirrisjedi regolarment gewwa Malta.

Illi anke hawnhekk l-Qorti ma tistax tqabel ma' din il-linja difenzjonali. Dan ghaliex jidher illi l-appellanti ghandu karta ta'l-identita valida bin-numru 64065(A), ghandu indirizz gewwa Malta u ukoll ghandu impjieg regolari, tant illi beza illi l-principal ikeccieh mix-xoghol jekk il-pulizija javzawh li kien gie arrestat. Illi stabbiliti dawn il-fatti probatorji ma jidhirx lanqas illi l-appellanti ikkontesta t-talba maghmula mill-prosekuzzjoni sabiex ikun hemm l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu f'kaz ta' sejbien ta' htija.

Maghdud dan jekk wiehed ihares lejn id-definizzjoni li taghti il-ligi tal-iskwalifika mis-sewqan li issemmi l-Legislazzjoni Sussidjaraja iccitata mill-appellanti, fl-artikolu 2 tieghu jinghad hekk:

"skwalifika mis-sewqan" tfisser kull miżura li hi konnessa ma' l-egħmil ta' kontravvenzjoni tat-traffiku li ġġib bħala riżultat **l-irtirar jew is-sospensjoni tad-dritt li sewwieq ikollu biex isuq vettura bil-mutur,** u liema skwalifika ma jkunx hemm dritt ta' appell minnha ."

Dan ifisser allura illi l-iskwalfika topera biex trazzan lill-persuna misjuba hatja milli issuq vettura u mhijiex marbuta mal-validita o meno tal-licenzja tas-sewqan li tkun izzomm dik il-persuna. Dan ifisser illi l-piena inflitta fuq l-appellanti hija tali li izzommu milli isuq ghal perijodu ta' sitt xhur u mhux marbuta mal-validita o meno tal-licenzja tas-sewqan tieghu. L-irtirar tal-licenjza tas-sewqan hija sempliciment mizura li tigi adoperata sabiex jigi zgurat illi dik il-persuna ma tkunx tista' issuq l-ebda vettura bil-mutur. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dicitura tal-ligi fl-artikolu 15H tal-Kap.65, johrog car illi l-Qorti ghandha tiskwalfika lil hati milli ikollu jew

jottjeni licenzja tas-sewqan immaterjalment jekk dik li diga ghandu f'idejh il-hati hijiex licenzja valida o meno. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur